MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 159/2013

Il-Pulizija
(Sp Tony Cachia)
vs
Antoine Spiteri iben Carmelo, imwieled Pieta' fit-22 ta' Jannar, 1977, karta ta' l-identita' numru 88677(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Mejju, 2012 u Lulju, 2012, b'diversi atti magħmulin mill-istess Antoine Spiteri, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, u cioe':
1(a). talli nhar it-2 ta' Mejju, 2012 għal ħin ta' bejn id-9.00 a.m. u is-6.00 p.m. minn ġo residenza bin-numru 11, Parisienne, Triq tat-Tabija, Rabat flimkien ma persuna oħra kkometta serq ta' ġojjellerija, flus kontanti u diversi

oġġetti oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37 għad-dannu ta' Gemma Agius u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet oħra;
1(b). talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-bieb ta' barra ta' l-imsemmija residenza liema ħsara matiskorriex €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
2(a). talli fl-24 ta' Mejju, 2012 għal ħin ta' bejn l-10.00 a.m. u 12.00 p.m. minn ġo residenza bl-isem 'Ix-Xehda', Triq San Valentin, Ħal-Balzan flimkien ma persuna oħra kkometta serq ta' ġojjellerija u diversi oġġetti oħra liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37 għad-dannu ta' Philip Galea u Vittoria Galea u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet oħra;
2(b). talli flp-istess data, lok ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-bieb ta' barra ta' l-imsemmija residenza liema ħsara ma tiskorriex €116.47;
3(a). talli fl-1 ta' Ġunju, 2012 għal ħin ta' bejn id-9.30 a.m. u 11.45 a.m. minn ġo residenza bl-isem 'Il-Palma', Triq il-Mitħna, Ħal-Lija flimkien ma persuna oħra kkometta serq ta' ġojjellerija liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37 għad-dannu ta' Giorgia Borg u Felice Borg mu/jew ta' xi persuna/i u jew xi entita' u/jew entitajiet oħra;
3(b). talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ haddieħor, mobbli jew immobbli, u ciioe' fuq il-bieb ta' barra ta' l-imsemmija residenza liema ħsara ma tiskorriex €116.47;
4(a). talli fis-17 ta' Lulju, 2012, għal ħin ta' bejn l-10.00 a.m. u il-11.00 a.m. minn ġo residenza numru 34, Triq San Franġisk, Rabat flimkien ma persuna oħra, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq kwalifkat bil-mezz, bil-lok u bil-valur, li jeċċedi €2,329.37

għad-dannu ta’ Angelus Zahra, u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet oħra;
4(b). talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-bieb ta’ barra ta’ l-imsemmija residenza liema ħsara ma tiskorriex €116.47;
5. talli fid-19 ta’ Awwissu, 2011 għal ħin ta’ bejn is-2.00 p.m. u is-6.15 p.m. minn ġo l-appartament numru 10, Montague Court, Triq Karm Galea, Sliema, flimkien ma persuna oħra kkometta serq ta’ diversi oġġetti liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37 għad-dannu ta’ Keith hathaway u/jew xi persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet oħra;
6. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra;
7. talli l-istess imputat ikkometta reat fil-waqt tal-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna fid-19 ta’ Frar, 2010.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat ikkolabora mal-pulizija.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-kollaborazzjoni mal-pulizija u għalhekk tikkundannah għal

piena ta' sentejn priġunerija. Rat is-sentenza tad-19 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat ġie ikkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija, liema piena ġiet sospiza għal perjodu ta' erba' snin minn tali data. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ta' sentejn priġunerija tiġi operattiva u l-imputat għandu jiskonta l-piena ta' sentejn priġunerija skont l-imsemmija sentenza. Għalhekk, l-imputat għandu jiskonta piena ta' erba' snin priġunerija b'kollox. Billi l-imputat hu dipendenti fuq il-vizju tad-droga tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva li meta jkun il-waqt hu jibda jsegwi programm għar-riabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------